**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

## GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 26 TA' APRIL, 2002**

**Numru: 6**

**Avviz Nru: 626/02AE**

**Dingli Co International Limited bhala mandatrici tas-socjeta estera ta' The Performing Right Society Limited ta' Londra**

**Vs**

**Debattista Holdings Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' erbgha mija u erbghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm440.25), kwantu ghal Lm60 Royalty u Lm9 dovut bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja numru

010572; u Lm315 Royalty u Lm56.25 dovut bil-quddiem in konnessjoni mal-licenzja numru 011136 rilaxxjata mis-socjeta attrici favur is-socjeta konvenuta rigwardanti l-istabbiliment il-Gallina Complex, ghall-perjodu mis-6 ta' Gunju 2001 sal-5 ta' Gunju 2002.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret  ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Semgha lir-rapprezentant tas-socjeta attrici tikkonferma bil-gurament l-avviz tat-talba kif ukoll li  l-ammont mitlub ghadu kollu dovut.

Ra d-dokumenti li gew prezentati.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta

konvenuta thallas is-somma ta’erbgha mija u erbghin lira Maltija u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm440.25), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez kollha (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**

**Gudikatur**